MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 543/2004

**Pater Finance Company Limited**

**Vs**

**Vanessa Pollacco**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm939.00c (disa’ mija u disgha u tletin lira Maltin) rapprezentanti import ta’ tmien (8) kambjali debitament accettati u skaduti minn Awissu 2003 sa Marzu 2004 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota pprezentata minn Dr Neville Camilleri li permezz taghha rriduca s-sorte ghal Lm636.00c (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin).

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Neville Camilleri li kkonferma li l-ammont ta' Lm636.00c (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin) ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm636.00c (sitt mija u sitta u tletin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------